# *142* *Nippritkaw lil kull xorta ta' bnedmin*
## (1 Timotju 2:4)

1. Lill-Alla tagħna rridu nimitaw,
   U bħalu qatt ma nħarsu lejn l-uċuħ.
   Hu jrid isalva lil kull tip ta' nies;
   Minn qalbu żgur kulħadd huwa milqugħ.

(*KOR*)

*Mhux il-wiċċ jew minn fejn hu,*
*Imma l-qalb l' hi ta' valur.*
*Il-Kelma t'Alla għand kulħadd tinġieb.*
*U kull poplu hu prezzjuż,*
*B'hekk inxandru b'mod żeluż:*
*"Kull bniedem m'Alla jista' jagħmel ħbieb."*

2. Inkellmu n-nies ġejjin minn fejn ġejjin,
   U qatt ma nuru il-parzjalità.
   Ġeħova jgħarbel dak li hemm fil-qalb
   U fiha jfittex għas-sinċerità.

(*Kor*)

3. Dawk li jibżgħu minn Alla w jagħmlu s-sew
   Żgur minn Ġeħova jkunu maħbubin.
   Dan tgħallimnieh u rridu li nxandruh,
   W hekk nagħmlu ma' kull xorta ta' bnedmin.

(*Kor*)

(Ara wkoll Ġw. 12:32; Atti 10:34, 35; 1 Tim. 4:10; Titu 2:11.)

*snylpnw*-MT Nru. 142 3/15
© 2015 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania